MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Numru. 32/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Josef Haber, bin Joseph u Eugenia nee' Farrugia, imwieled fit-18/07/1982, residenti fil-fond numru St Lawrence, Triq Benghazi, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 24982(G);**

**Lawrence Haber, bin Joseph u Eugenia nee' Farrugia, imwieled fis-26/12/1984, residenti fil-fond numru St Lawrence, Triq Benghazi, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 5585(G);**

**Joseph Azzopardi, bin Paul u Rosina nee' Grech, imwieled fil-21/02/1982, residenti fil-fond numru Dar il-Hena, Triq Benghazi, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 10982(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Josef Haber, Lawrence Haber u Joseph Azzopardi li gew akkuzati talli nhar id-29.08.2008 fl-22:15hrs minn fuq bejt fl-inhawi ta' Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex;

1) Harqu xoghol tan-nar minghajr ma kienu jottjenu licenzja A, B, jew C mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija (Art 4(2) L.S. 33.03)

2) Harqu xoghol tan-nar minn post li ma kienx approvat ghal dik il-ghan skond licenzja mahruga taht l-ordinanza dwar l-Esplossivi (Art 14(a) L.S. 33.03);

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni li giet maghmula mill-imputati fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fatt illi jidher illi l-incident kien wiehed minimu;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4(2) u 14(a) L.S. 33.03 u l-Artikolu 24, 29 u 33 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghall-perijodui ta' sitt (6) xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-

perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Inoltre l-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor f’dan iz-zmien operattiv;

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fi zmien moghti mill-Ligi;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------